MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 21

25 ta' Mejju 2009

Minuti tas-Seduta Nru. 21 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 25 ta' Mejju 2009.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-minuti tas-seduta Nru. 20 li saret fl-4 ta' Mejju 2009 ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Introduzzjoni ta' *Bye-Laws* dwar Kampijiet u Attivitajiet fil-Beraħ (B/5/Vol III)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 12.1. tas-seduta preċedenti u tressqet pjanta li turi l-postijiet imfittxija għall-*camping* u *picnics* fl-inħawi ta' l-Aħrax tar-Ramel, f'Tat-Tunnara u fl-Aħrax tal-Madonna. Is-Segretarju għarraf li huwa ndaġa mar-*ranger* inkarigat mill-Birdlife Malta sabiex jgħid jekk għadux permissibbli li jsir *camping* fl-inħawi magħrufa bħala Tas-Sdieri, fil-parti li ngħalqet bix-xtiebi. L-istess *ranger* qal li minn kemm ilha li din ingħalqet għall-vetturi, il-camping fl-istess inħawi naqas b'mod sinifikanti.

2.1.3. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li l-*camping* u *picnics* għandhom ikunu permissibbli biss fl-Aħrax tar-Ramel, f'Tat-Tunnara u fl-Aħrax tal-Madonna, fl-*areas* immarkati fuq il-pjanta mehmuża ma' dawn il-minuti. Kien hemm qbil li l-istess pjanta għandha tiġi mgħoddija lill-Kunsillieri sabiex jipproponu t-tibdil li jidhrilhom meħtieġ. Il-Kunsill għamilha ċara li l-*caravans* huma eskużi minn din il-konċessjoni, minħabba l-ħsara li ssir fis-siġar biex dawn jingħataw aċċess.

### 2.2.1. Pjan ta' l-Iżvilupp Rurali (2007-2013):

- **Miżura 313: Titjib fil-kwalità ta' ħajja f'inħawi rurali u diversifikazzjoni ta' l-Ekonomija Rurali; u**
- **Miżura 323: Konservazzjoni u titjib fil-livell tal-wirt rurali. (P/10/3).**

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u qal li fil-25 ta' Mejju 2009 saret laqgħa mal-konsulent inkarigat mill-Kunsill – Dr G. Cordina – li għalija attendew ukoll is-Sinjuri Ernest Vella u Kenneth Fenech mill-Fundazzjoni Arkeo dwar il-*heritage trail* ta' Selmun. Il-Kunsillier P. Cutajar akkumpanja lill-istess persuni f'Selmun u fl-Imġiebaħ, flimkien mal-Perit Joseph Attard sabiex jiġu identifikati l-postijiet li ser jintlaqtu bl-applikazzjonijiet li ħa jiġu sottomessi. Huwa kkummenta li l-proċess fuq l-applikazzjoni tal-*heritage trail* tal-Manikata ma mexiex daqstant, minkejja l-pressjoni li saret fuq il-Perit Claude Borg billi huwa kien għamel rapport dwar l-istess suġġett. Għaldaqstan, ser ikollu jintalab l-intervent tal-Perit Joseph Attard. Is-Sur R. Cutajar qal li minħabba din ir-raġuni,

intalbet estensjoni tad-data ta' l-għeluq lid-Direttur ta' l-Agenzija tal-Pagamenti fi ħdan id-Dipartiment ta' l-Agrikoltura.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Agrofest '09 (A/6/3/2/Vol V)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u osserva li l-Forum Żgħażagħ Laburisti diġa ħabbar, permezz ta' ittra li ntbagħtu lil diversi residenti, li l-attività msemmija ser issir fis-27 ta' Ġunju 2009. Dan minkejja li fis-seduta ta' qabel kien intlaħaq qbil li l-FZL għandu jerġa jiddiskuti l-kontenut u d-data ta' l-attività. Huwa tenna li din ser ikun fiha l-elementi illi hemm fil-Festa Biedja li ilha ssir għal diversi snin mill-Kunsill.

2.3.3. Il-Kunsillier C. Bartolo wieġeb li huwa jifforma parti minn kumitat, filwaqt li ma kienx possibbli li jistenna aktar u għalhekk kien konstrett li jipproċedi minħabba l-kuntatti li jeħtieġ isiru. Intqal ukoll li hemm *items* ġodda li ser jiġu nklużi għall-ewwel darba. Huwa semma bħala eżempji l-bħejjem użati għax-xogħol tar-raba u għal qatla, il-makkinarju agrikolu u d-diskussjoni.

2.3.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg kkummenta li bl-inklużjoni ta' Festa Biedja bħala parti mill-Iljieli Melleħin, inbidel il-kunċett originali li kellha din l-attività, fosthom l-element tal-kompetizzjoni.

2.3.5. Is-Sur R. Cutajar ikkummenta li huwa m'huwiex ser jinsisti li din l-attività ma ssirx, iżda ddikjara li huwa kontra l-format ta' kif ser tiġi organizzata.

### 2.4.1. Fondi Speċjali għal Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali (F/1/5)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għal minuta 4.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li ġiet sottomessa applikazzjoni lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fuq il-kriterji segwenti:

- Servizz ta' Tindif fuq il-Moll taċ-Ċirkewwa
- Infurzar ta' Liġijiet f'Postijiet ta' Rikrejazzjoni
- Konġestjoni tat-Traffiku fil-Qalba tal-Mellieħa

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 01/05/09 - 21/05/09
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 01/05/09 – 21/05/09
- *Purchase Request Form* – 19/05/09
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Minuti – Kumitat Konġunt Tramuntana – 13/04/09
- Rapport Finanzjarju – Jannar / Marzu 2009
- Rapport – Kumitat ta' l-Għażla – Impjieg ta' Uffiċjal fi Skala 15 – 09/06/09
- Minuti – Kumitat Konġunt Tramuntana – 11/05/09

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. PA 1821/09 – *Wind Farm* fuq is-Sikka l-Bajda (P/5/8/A)

4.1.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 20 ta' Mejju 2009, mibgħut mill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li l-istess Ministeru ressaq *outline development application* sabiex jintramaw turbini u jitqiegħdu l-*cables* bejniethom fuq is-Sikka l-Bajda għall-ġenerazzjoni ta' l-elettriku. Il-Ministeru ħejja *Project Description Document* sabiex ikun possibbli għall-MEPA li tiddeċiedi jekk hemmx bżonn *Environment Impact Assessment* sħiħ, jew wieħed limitat, bil-għan li jgħina tfassal it-termini ta' referenza ta' l-EIA b'konsultazzjoni ma' entitajiet governattivi, l-għaqdiet mhux governattivi u l-pubbliku. Il-MEPA tat sat-18 ta' Ġunju biex il-Kunsill iressaq il-kummenti tiegħu fuq din it-talba, kif

ukoll ġie mgħarraf li fid-29 ta' Mejju 2009 fl-4.00pm ser issir laqggħa fl-uffiċini tal-MEPA bil-għan li jiġu spjegati l-għanijiet tal-proġett.

4.1.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li aspett partikulari ta' dan il-proġett, li għandu jiġi trattat f'ċertu , huwa l-impatt li jista' jkun hemm fuq qiegħ-il baħar billi jeħtieġ isir tqattiegħ tal-blat biex jitwaħħlu l-arbli li fuqhom ser ikun hemm it-turbini.

4.1.4. Il-Kunsill qabel li proġett b'mod ġenerali jħalli effetti ambjentali pożittivi, filwaqt li Malta jeħtieġ li tilħaq il-miri mogħtija lilha mill-Unjoni Ewropea biex tnaqqas l-emissjonijiet. Minkejja dan, kien hemm qbil li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-MEPA dwar l-impatti li jista' jkun hemm fuq il-ħajja u l-qiegħ tal-baħar fl-inħawi tas-Sikka l-Bajda.

### 4.2.1. Xogħlijiet fi Sqaq Ħarruba fil-Manikata (D/3/1/Vol V)

4.2.2. Saret referenza għal Ordni biex Jieqaf ix-Xogħol (*Stop Notice*) fir-rigward ta' kisi bil-konkos li sar fi Sqaq Ħarruba f'Settembru 2007. Il-MEPA qed tallega li dan sar mingħajr permess għaliex sar twessiegħ ta' passaġġ eżistenti, li ġie mogħti l-konkos u b'hekk tfaslet triq fuq art barra mill-konfini ta' l-iżvilupp.

4.2.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li li fl-imsemmi sqaq saru xogħlijiet mill-Korporazzjoni Enemalta, iżda għalkemm it-trinka li tħaffret reġgħet intradmet u tgħattiet bil-konkos, huwa diffiċli li wieħed jgħaddi minn dan l-isqaq kif kien isir qabel, minħabba li tqanqal ħafna terrapien. Fil-fatt, il-Kunsill kien iddeċieda li tingħata strixxa konkos oħra, biswit dik li diġa saret sabiex l-isqaq ikun jista' jintuża u t-terrapien li hemm ma jinġarx bix-xita lejn Triq il-Wilġa. Kienet inbniet filata bil-kantun fuq kull naħa, sabiex l-ilma jibqa' fuq il-konkos.

4.2.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li din ordni għandha tiġi appellata minħabba r-raġunijiet mogħtija fil-minuta 4.2.3.

### 4.3.1. Qlib ta' l-ilma tax-xita fi Triq N. Copernicus (T/4/13/Vol VIII)

4.3.2. Inqrat ittra datata 24 ta' April 2009 dwar talba li kienet saret mis-Sur Maurice De Gaetano sabiex isir *culvert* bil-għan li jieħu l-ilma tax-xita li jinġabar quddiem il-proprjeta' tiegħu f'Nru. 36, Triq N. Copernicus. Is-Segretarju għarraf li s-Sur De Gaetano lest li jgħaddi katusa/i mill-proprjetà tiegħu, bil-kundizzjoni li l-Kunsill jagħmel *catchpit* fl-aktar parti baxxa tat-triq, quddiem l-istess proprjetà.

4.3.3. Il-Kunsill approva dan l-arranġament.

### 4.4.1. Skema dwar Inizjattivi Sportivi ghall-Kunsilli Lokali 2009 (S/4/2/Vol III)

4.4.2. Sar aċċenn għal żewġ *e-mails* datati 11 u 19 ta' Mejju 2009, mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn sar magħruf li l-Bord ta' l-Evalwazzjoni għarraf li l-Mellieħa ser tingħata għotja ta' €608.00. Irriżulta li l-applikazzjoni illi saret għall-apparat tal-*keep fit* għad-Dar ta' l-Anzjani ma kkwalifikatx. Sar magħruf ukoll li ser jiġi allokat nofs il-*budget* li tressaq għall-i*Sports for All* (darbtejn f'sena) €906; u għall-*Health Promotion for All* (li tinkludi *Girls' On the Move*) €310.

4.4.3. Is-Sindku R. Cutajar ippropona li s-somma allokata għall-*Girls On the Move* tiġi nkluża bħala parti mill-attivitajiet ta' l-Iljieli Melleħin 2009, filwaqt li ta' l-i*Sports for All* għandha tiġi allokata fuq l-i*Sports Festival* li jiġi organizzat mill-Mellieħa Sports Club bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali.

4.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.5.1. Premju EDEN - *European Destination of Excellence 2009* (T/12/Vol II)

4.5.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 21 ta' Mejju 2009 mibgħut mit-*Tourism and Sustainable Development Unit* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Fl-istess *e-mail* intqal li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni huwa ta' l-opinjoni li l-applikazzjoni tal-Kunsill bil-kollaborazzjoni tal-Koperattiva Rurali tal-Manikata tissodisfa l-maġġor parti tal-kriterji u l-linji gwida dwar il-premju u għaldaqstant it-talba tikkwalifika għall-Premju EDEN.

4.5.3. Għal din il-parti tas-seduta kien hemm preżenti s-Sinjura Cynthia Misokova – Assistent Direttur fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Is-seduta ġiet sospiża biex hija tkun tista' titkellem. Filwaqt li hija ferħet lill-Kunsill għall-premju, spjegat li dan jingħata kull sena lil lokalità waħda f'kull pajjiż membru fl-Unjoni Ewropea. Il-lokalitajiet tan-Nadur u l-*hamlet* ta' Santa

Luċija f'Għawdex diġa ħadu dan il-premju fis-sentejn li għaddew. Ġie spjegat li l-għan tal-premju huwa li jippromwovi attivitajiet li jseħħu f'żoni protetti, li ma jkunux daqshekk mfittxija mit-turisti. Din is-sena, il-preżentazzjoni tal-premju ser issir fil-Brussel waqt il-European Tourism Forum.

4.5.4. Is-Sindku kkummenta li issa huwa importanti li kull minn huwa nvolut fis-settur turistiku fil-Mellieħa għandu jifhem l-importanza ta' dan il-premju li għandu jgħin fir-reklamar li jsir.

4.5.5. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjoni t-tagħrif mogħti.

### 4.6.1. Tlielaq tal-*powers boats* fl-Għadira (S/6/Vol IV)(A/6/3/2/Vol V)

4.6.2. Is-Sindku aċċenna *e-mail* datat 13 ta' Mejju 2009, fejn it-Tunny Net Complex and Seabank għarraf li ser ssir l-attività imsemmija fis-27 u t-28 ta' Ġunju 2009, kif ukoll talbu lill-Kunsill sabiex jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' l-istess attività.

4.6.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni kif ukoll approva x-xiri tat-trofej li ser jiġu ppreżentati lir-rebbieħa.

### 4.7.1. Żjara għall-Ġżejjer ta' San Pawl (S/6/Vol IV)(A/6/3/2/Vol V)

4.7.2. Saret referenza għall-ittra datata 16 ta' Mejju 2009 mibgħuta mill-Kumitat Organizzattiv li twaqqaf bejn l-Għaqda Soċjali 8 ta' Settembru, l-Għaqda Mużikali Imperial u s-Società Filarmonica La Vittoria. Fl-istess ittra ntalab l-permess tal-Kunsill sabiex issir vjaġġ permezz ta' diversi opri tal-baħar mill-Moll tat-Tunnara sal-Gżejjer ta' San Pawl, fejn ikun hemm waqfa u jsir diskors qasir dwar l-istorja tal-post, qari mill-Atti ta' l-Appostili u jitpoġġa bukkett fjuri mis-Sindku quddiem l-istatwa ta' San Pawl.

4.7.3. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa u jattendi għal din l-attività, kif ukoll jagħmel il-kontribuzzjoni tiegħu biex din tkun tista' isseħħ.

### 4.8.1. Titjiriet bil-*helicopter* minn u lejn Għajn Tuffieħa (G/2)

4.8.2. Inqrat ittra datata 20 ta' Mejju 2009, mibgħuta minn Eagle Associates (Malta) Ltd, liema ditta għandha l-intenzjoni li tipprovdi servizz dwar ġarr ta' passiġġieri bejn l-Ajruport għal Għajn Tuffieħa, bi nżul fl-inħawi tal-Mejjiesa, wara l-lukanda Radisson SAS – Golden Sands. Il-post issa ġiet tifforma parti mill-Park tal-Majjistral.

4.8.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrimarka li huwa joġġezzjona għal din it-talba mil-lat ambjentali, peress li x'aktarx ikun meħtieġ li jsir *helipad*, f'żona li hija protetta.

4.8.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li minkejja ili xi tip ta' impatt ambjentali ser jkun hemm, kemm-il darba jkun hemm il-faċilitajiet, dawn ikunu jistgħu jintużaw f'każ ta' emergenza mill-Forzi Armati u mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Dan fid-dawl tal-fatt illi r-Ramla tal-Mixquqa hija fost l-iktar bajjiet imfittxija.

### 4.9.1. PA 2973/08 - Zvilupp ta' Plot 485, Triq il-Qortin (P/5/8/Q)

4.9.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datat 13 ta' Mejju 2009, mibgħut mis-Sur Sammy Vella, President ta' Għaqda Residenti Santa Marija Estate, dwar l-applikazzjoni msemmija. Fl-istess *e-mail* intqal li l-*outline development permission* li ħarġet il-MEPA xorta waħda jagħti lok ta' abbuż minn naħa ta' l-iżviluppatur, fis-sens li jistgħu jsiru erba' *units* residenzjali minflok tnejn. Is-Sur Vella kompla jagħmel pressjoni fuq il-Kunsill biex iressaq appell kontra l-permess li ħarġet il-MEPA. Is-Sur R. Cutajar qal li l-kontenut ta' dan l-*e-mail* kien fih xi insinwazzjoni nġusti.

4.9.3. Il-Viċi Sindku E. Bartolo qal li kien hemm persuna illi allegat miegħu li huwa kien favur l-iżvilupp kif propost mill-iżviluppatur. Huwa qal li dan ma kienx il-każ, anke kif jixhdu l-minuti.

4.9.4. Il-Kunsill qabel li m'għandux jinvolvi ruħu f'sottomissjoni ta' appelli maħruġa mill-MEPA, kontra permessi li jinvolvu żvilupp privat.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 21 ta' Mejju 2009.

5.3. Wara diskussjoni ġie deċiż li għandhom jinħarġu l-*purchase orders* li fadal jintbagħtu.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet imressqa wkoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn l-1 u l-21 ta' Mejju 2009.

6.3. Tressqet ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* li tkopri l-perjodu bejn l-1 u d-19 ta' Mejju 2009.

6.4. Il-Kunsill ra l-kontenut taż-żewġ skedi u approva l-pagamenti elenkati fihom.

## 7.1. Ħatra ta' kumitat dwar l-impieg ta' Uffiċjal fi Skala 15. (F/1/20)

7.2. Is-Sindku għarraf li l-Korporazzjoni dwar l-Impiegi u Taħriġ intalbet lista ta' persuni li qed jirreġistraw fl-ewwel part tar-reġistru ta' dawk li qed ifittxu x-xogħol, kif kien maqbul fis-seduta preċedenti. Wara li tiġi mgħoddija l-lista, kif ukoll il-curriculum vitae mill-persuni nklużi fiha, ikun jeħtieġ li jinħatar kumitat sabiex imexxi bl-intervisti u l-evalwazzjoni tal-kandidati.

7.3. Il-Kunsill qabel li l-kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku R. Cutajar, il-Viċi Sindku E. Bartolo, il-Kunsillier J. Buttigieg u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

## 8.1. Tħejjijiet għal Avventura Sajf 2009 (E/3/4/Vol VIII)

8.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li qed isiru kuntatti sabiex jinstabu kordinatur, studenti universitarji u voluntiera bil-għan li tkun tista' isseħħ Avventura Sajf 2009.

8.3. Is-Segretarju qal li saret stima dwar l-ispiża nvoluta f'dan il-proġett, mifrux fuq seba' ġimgħat kif sar fi snin preċedenti. Huwa spjega li ser ikunu meħtieġa is-servizz ta' kordinatur, ħames studenti universitarji, flimkien ma' sitt voluntiera. Kemm-il darba jattendu 75 parteċipanti li jħallsu €70 u 15 oħra li jħallsu €55, jibqa' żbilanċ żgħir ta' €53.

8.4. Is-Sur Fenech qal li qed issir pressjoni mill-ġenituri sabiex jitwal l-perjodu għal tmien ġimgħat, bejn it-13 ta' Lulju u l-4 ta' Settembru 2009 u possibilment anke titwal b'nofs siegħa kuljum, bejn it-8.30am u nofsinhar. Huwa għarraf ukoll li din is-sena Avventura Sajf 2009 ser tkun tista' tieħu tfal ta' Year 3. B'hekk wieħed jistenna li n-numru ta' tfal li jattendu jaqbeż il-mija.

8.5. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li bit-tibdil propost fil-minuta 8.4., ikkalkulat fuq attendenza ta' 100, jeħtieġ li l-ħlas jitla' għal €80 (l-ewwel tifel/tifla) u €60 (it-tieni tifel/tifla) sabiex l-iżbilanċ ma jiżdiedx daqstant. Il-Kunsill ġie mfakkar li skond Estimi approvati, Avventura Sajf kellha tiġi ffinanzjata mid-dħul li jkun hemm.

8.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li l-Kunsill għandu jissussidja dan il-proġett u jekk ikun hemm bżonn issir rijallokazzjoni ta' fondi mill-vot ta' l-Attivitajiet Kulturali.

8.7. Is-Sindku qal li huwa ma jaqbilx li jiżdied il-ħlas minn €70 għal €80 u minn €55 għal €60.

8.8. Wara aktar diskussjoni, kien hemm qbil fil-prinċipju li għandu jiżdied il-ħin u l-estensjoni b'ġimgħa, kif propost fil-minuta 8.4. kif ukoll li l-proġett jiġi issussidjat mill-Kunsill. Is-Segretarju ntalab jirrevedi l-estimi ta' l-ispejjeż fid-dawl tad-deċiżjonijiet li ttieħdu.

## 9.1. Tħejjijiet għall-Attività "L-Ibliet Lejn il-Majjistral" (A/5/5/Vol IV)

9.2. Is-Sindku għarraf li tkomplew il-kuntatti mas-sindki tal-Kunsilli Lokali tal-Belt Valletta, Mdina, Birgu u Victoria, filwaqt li l-attività msemmija bdiet tingħata pubbliċita` bit-tqassim ta' 50,000 *flyer* fil-ħwienet ewlenin f'Malta u Għawdex mill-General Soft Drinks Ltd, li huma s-sostenituri ewlenin ta' din l-inizjattiva, flimkien mal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali.

9.3. Is-Sur R. Cutajar qal li fid-19 ta' Mejju huwa, flimkien mas-sindki tal-kunsilli lokali parteċipanti, kif ukoll mas-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni l-Onor. Chris Said, indirizzaw konferenza stampa fil-kumpless ta' San Ġakbu fil-belt Valletta.

9.4. Is-Sindku kompla jgħarraf li ser tittellgħa wirja f'Misraħ il-Parroċċa dwar xeni mil-lokalitajiet parteċipanti, ser ikun hemm rokna għat-tfal li tinkludi wkoll *pony rides*. Il-kunsilli parteċipanti ser jipprovdi kantanti, falkuniera bil-kostum u gruppi folkloristiċi. Nhar il-

Ġimgħa 30 ta' Mejju ser ikun hemm ikel Malti, servut bi ħlas, mill-istudenti ta' l-Istitut għall-Istudji Turistiċi. Is-Sur R. Cutajar qal li l-Melleħin jistgħu jkunu preżenti bil-bejgħ ta' frott, għasel, *preserves* u ikel, filwaqt li ser ikun hemm xogħol ta' artiġġjanat mill-Art Club 2000 u l-Ladies Craft Circle. Fit-30 ta' Mejju ser ikun hemm *trackless train* biex iġġorr in-nies preżenti fil-pjazza fuq rotta li tinkludi l-Mużew tat-Tunnara u l-Palazz ta' Selmun. Intqal ukoll li x-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija ser ikunu miftuħa għall-pubbliku l-Ġimgħa u s-Sibt sa tard bil-lejl.

9.5. Il-Kunsill approva l-attivitajiet proposti.

**10.1. Arranġamenti tat-traffiku f'Santa Marija Estate (T/3/2/Vol VIII)**

10.2. Is-Segretarju għarraf li l-*Contracts Manager* intalab iħejji arranġamenti għat-traffiku ġodda fi Triq il-Qasab, kantuniera ma' Triq Għajn Żejtuna u fi Triq ix-Xagħra Ta' Barra kantuniera ma' Triq ta' Fuq il-Widien. Pjanti li jindikaw dawn l-arranġamenti ġew imressqa waqt is-seduta.

10.3. Wara li l-Kunsill ra l-pjanti, kien hemm qbil li ż-żewġ *traffic islands* proposti fi Triq Għajn Żejtuna kantuniera ma' Triq il-Qasab għandhom ikunu ftit elevati jew isiru biss biż-żebgħa, peress li jnaqqsu drastikament l-ispazju għal manuvrar partikularment għal vetturi kbar.

10.4. Fir-rigward ta' Triq ix-Xagħra Ta' Barra, kantuniera ma' Triq Ta' Fuq il-Widien, il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandux ikun hemm *traffic islands* madwar ir-*roundabout* żgħira proposta. Dan peress li jeżisti spażju biżżejjed għall-parkeġġ, filwaqt li l-istess *junction* mhux daqshekk traffikuża li timmerita l-ispiża meħtieġa biex isiru x-xogħlijiet indikati fuq il-pjanta. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel li ssir *roundabout* biss b'diametru ikbar minn dak indikat fuq il-pjanta.

**11.1. Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol IV)**

11.2. Is-Sindku għarraf li bdew it-tħejjijiet u l-kuntatti b'rabta ma' l-attività msemmija. Filwaqt li xi l-kostumi ser jiġu pprovduti mill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, is-sehem tal-Għaqda Mużikali Imperial u s-Società Filarmonica La Vittoria għad irid jiġi ċċarat minħabba inpenji oħra li jista' jkollhom. Għaldaqstant għadu mhux deċiż jekk l-attività hijiex ser issir nhar it-Tlieta 23 jew l-Erbgħa 24 ta' Ġunju 2009.

11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**12.1. *Play Equipment* fi Ġnien il-Qigħan (P/2)**

12.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li fi Ġnien il-Qigħan m'hemmx bandli għat-tfal iż-żgħir. Għalhekk ippropona li tnejn mill-erba' bandli tal-kbar jinbidlu u jsiru bil-*cradle seat*. Huwa ssuġġerixxa wkoll li s-*sea saw* għandha titneħħa u minflokha jsiru żewġ bandli bil-molla, għat-tfal iż-żgħar ukoll.

12.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**13.1. Skema *Energy Saving* (K/1/2/Vol V)**

13.2. Is-Sindku rrefera għall-iskema msemmija li ġiet imnedija mis-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni. Huwa fakkar li l-Kunsill kien applika flimkien ma' oħrajn biex jinstalla pannelli fotovoltaiċi fuq il-bejt ta' l-uffiċċju amministrattiv. Is-Sur Cutajar għarraf li fi konferenza stampa li saret mis-Segretarju Parlamentari Chris Said fil-21 ta' Mejju 2009 fi Ġnien l-Indipendenza f'Tas-Sliema, sar magħruf li l-Mellieħa ser tinghata allokazzjoni ta' €2,400 biex tiffinanzja din l-inizjattiv.

13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**14.1. Użu tal-Moll tat-Tunnara (X/1/5)**

14.2. Is-Sindku għarraf li kellu laqgħa mal-Kumitat tas-Sajjieda li jużaw il-moll imsemmi. Huwa qal li fl-istess laqgħa kien hemm qbil li l-karrijiet illi jitħallew għall-żmien twil fuq il-Moll tat-Tunnara għandhom jitpoġġew fil-parkeġġ li hemm biswit il-Mellieħa Bay Hotel. Huwa ressaq *sketch* dwar kif għandhom jiġu allokati l-ispażi għall-opri li jittellgħu x-xatt fix-xitwa.

14.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-karrijiet ta' opri li jitniżżlu għal ġurnata għandhom jitħallew, peress li ma jkunx prattiku li dawn jitpoġġew fejn il-Mellieħa Bay Hotel.

14.4. Wara aktar diskussjoni l-Kunsill qabel li t-tqassim ta' postijiet għandu jkun skond l-i*sketch* li sar wara konsultazzjoni mal-Kumitat tas-Sajjieda. Għaldqstant kien hemm qbil li għandhom jinżebgħu n-numri tar-reġistrazzjoni ta' l-opri ndikati fih wara li jinkiseb il-permess mid-Diviżjoni tas-Servizzi Veterinarji u s-Sajd.

## 15.1. Unit ta' l-ossiġenu fuq il-Moll taċ-Ċirkewwa (C/8)

15.1. Il-Kunsillier C. Bartolo ġibed l-attenzjoni li fuq il-Moll taċ-Ċirkewwa ma jeżistux faċilitajiet, fejn għaddasa li jkunu jgħumu fil-qrib ikunu jistgħu jingħataw l-ewwel għajnuna, f'każ li jiġu f'diffikultajiet fiżiċi. Huwa qal li għandu jiġi pprovdut *oxygen unit* li jitwaħħal mal-ħajt qrib il-post fejn jinżlu l-għaddasa sabiex ikun jista' jintuża f'każ ta' emerġenza. Is-Sur C. Bartolo għamilha ċara li dan l-apparat ma jissostitwix il-funzjoni ta' *decompression chamber*.

15.2. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet dwar il-proposta lill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu.

## 16.1. Tindif volontarju fl-Imgiebaħ (T/6/Vol III)

16.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf illi fit-22 ta'Mejju 2009 sar tindif volontarju minn numru ta' persuni li jiffurmaw parti mill-ekwipaġġ ta' bastiment tal-Qawwa Navali ta' l-Istati Uniti li kien fuq żjara ta' ftit jiem f'Malta. Is-Sur E. Bartolo qal li l-intenzjoni kienet li dawn inaddfu fil-postijiet fejn isir il-*camping* fl-inħawi ta' l-Aħrax tar-Ramel. Minħabba li l-attività ġiet fost il-ġimgħa ma kienx possibbli li jingħaqad magħhom xi ħadd mill-Kunsill biex jiggwidahom. Għalhekk reġa sar tindif fil-Bajja ta' l-Imġiebaħ bħalma sar fil-11 ta' April 2009.

16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 17.1. Attivitajiet sportivi għal matul is-sajf 2009 (A/5/3/Vol VIII)

17.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf illi fil-21 ta' Ġunju 2009 ser issir ġirja fit-toroq ta' Buġibba, imsejħa Olympic Day Run, organizzata mill-Kumitat Olimpiku Malti fejn ser ikun hemm parteċipazzjoni minn atleti Melleħin.

17.3. Huwa qal ukoll li ser issir *Seaside Slam* fir-Ramla tal-Mixquqa fit-30 ta' Ġunju 2009 bejn diversi timijiet mill-Mellieħa li jipprattikaw dixxiplini sportivi diversi, bil-kollaborazzjoni ta' MBA Sports World u l-Kunsill Malti għall-Isports.

17.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 18.1. Attivitajiet f'Ġnien il-Qigħan (P/10/2/Vol III)

18.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li huwa saritlu proposta mis-Sindku sabiex l-attività ta' Jum l-Ambjent, din is-sena ssir parti mill-Festa Mużika u l-proġett "*The Environment Through Art - An Event of Artistic Expression*". Kompla jgħid li dan ġie diskuss fis-Sotto-Kumitat Ambjent u kien hemm qbil li t-tema għal din is-sena għandha tkun "B'Enerġija Alternattiva – Ambjent Aħjar".

18.3. Il-Kunsill qabel ma' l-integrazzjoni ta' dawn it-tliet inizjattivi.

### AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fil-10.45 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 15 ta' Ġunju 2009, fis-7.30pm.

Robert Cutajar | Carmel Debono
**Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv**